

Brussell, 9 ta' Ġunju 2026  
(OR. en)

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2026/0137 (NLE)**

---

---

**10269/26  
ADD 1**

**SOC 375  
EMPL 199  
ECOFIN 788  
EDUC 256**

### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 510 annex
Suġġett:	ANNESSE għall- Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 510 annex.

---

Mehmuż: COM(2026) 510 annex



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 3.6.2026  
COM(2026) 510 final

ANNEX

ANNEX

*għall-*

**Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjegi tal-Istati Membri**

## **Linja Gwida 5: Spinta lid-domanda għall-ħaddiema**

L-Istati Membri għandhom jippromwovu ekonomija soċjali tas-suq sostenibbli. Għandhom jiffaċilitaw u jappoġġaw l-investiment u jippromwovu t-tkabbir xprunat mill-innovazzjoni u t-tkabbir tal-produttività għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, b'mod partikolari fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet diġitali, ekoloġiċi u demografiċi, kif ukoll il-ħtiġijiet li qegħdin jiżdiedu b'rabta mas-sigurtà u mad-difiża, u fid-dawl tal-miri ewlenin fil-qasam tal-impjiegi fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali għall-2030. L-Istati Membri għandhom isegwu approċċi integrati li jirriflettu l-isfidi speċifiċi u l-potenzjal ta' żvilupp tad-diversi reġjuni u territorji. Għal dawn il-finijiet, għandhom inaqqsu l-ostakli li jiffaċċjaw in-negozji biex jimpjegaw in-nies, inkluż billi jnaqqsu l-piż amministrattiv, u biex jespandu, u għandhom jippromwovu intraprenditorija responsabbli u impjiegi indipendenti ġenwini. L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-iżvilupp tal-ekonomija soċjali, inklużi l-intrapriżi soċjali. Għandhom jiżviluppaw u jimplementaw miżuri u strateġiji relatati, jippromwovu l-innovazzjoni soċjali u jinkoraġġixxu mudelli ta' negozju li jgħallqu opportunitajiet ta' impjiegi ta' kwalità, b'mod partikolari inkluż għal nies li huma l-aktar 'il bogħod mis-suq tax-xogħol jew li huma sottorappreżentati.

Biex tissaħħaħ ir-reżiljenza fid-dawl tal-possibbiltà ta' xokkijiet, skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar iddiżinjati sew u arranġamenti simili jistgħu, flimkien ma' taħriġ immirat, jgħinu lill-ħaddiema jibqgħu impjegati waqt reċessjonijiet temporanji u ristrutturar tal-kumpaniji filwaqt li jiffaċilitaw ir-riallokazzjoni dinamika tal-ħaddiema fl-ekonomija. Anki inċentivi mfasslin sew għat-tfittix tal-ħaddiema u għat-tranżizzjoni, u miżuri ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid, żviluppanti f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, jistgħu jappoġġaw trasformazzjonijiet strutturali billi jiffaċilitaw proċessi ta' ristrutturar u r-riallokazzjoni tal-ħaddiema minn setturi li qed ibattu lejn dawk emerġenti. Għalhekk, jistgħu jgħinu biex nimmodernizzaw l-ekonomija, inkluż permezz tal-iżvilupp tal-ħiliet assoċjati.

It-tassazzjoni għandha tiġi trasferita 'l bogħod mill-ħaddiema lejn sorsi oħra li jappoġġaw aktar it-tkabbir kif ukoll l-oġġettivi klimatiċi u ambjentali, filwaqt li titħeġġeġ il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, u jiġi protett id-dħul għal protezzjoni soċjali adegwata u nfiq li jtejjeb it-tkabbir. Għandna nistinkaw għal ekonomija kompetittiva u innovattiva ħafna, qligħ adegwat u pagi ġusti, u kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin bħala elementi ewlenin biex tiġi żgurata l-kwalità tal-impjiegi li, flimkien mal-iżvilupp tal-ħiliet, il-progressjoni tal-karriera u s-sigurtà tal-impjieg, joħolqu ċiklu virtuoż ta' emanċipazzjoni personali, produttività u tkabbir ekonomiku. L-Istati Membri għandhom jippromwovu n-negozjar kollettiv dwar l-iffissar tal-pagi. Filwaqt li jirrispettaw il-prattiki nazzjonali u l-awtonomija tas-sħab soċjali, l-Istati Membri u s-sħab soċjali għandhom jiżguraw li l-ħaddiema kollha jkollhom pagi adegwati billi jibbenefikaw minn ftehimiet kollettivi jew pagi minimi statutorji adegwati, filwaqt li jqisu l-impatt tagħhom fuq il-kompetittività, il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, il-kapaċità tal-akkwist u l-faqar fost dawk li jaħdmu.

## **Linja Gwida 6: Tisħiħ tal-provvista tal-ħaddiema u titjib tal-aċċess għall-impjiegi, l-akkwiżizzjoni tal-ħiliet tul il-ħajja u l-kompetenzi**

Fil-kuntest tat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi, it-tibdil demografiku, u l-bidliet ġeopolitiċi, u l-importanza li qiegħda tikber tas-sigurtà u d-difiża, flimkien mal-ħtieġa relatata għal awtonomija strateġika akbar tal-Unjoni, inkluż fir-rigward tas-sovranià teknoloġika, l-Istati Membri għandhom jippromwovu l-kompetittività, il-produttività, l-impjegabbiltà u l-iżvilupp tal-kapital uman. Għal dan il-għan, għandhom jippromwovu l-akkwist tal-ħiliet u tal-kompetenzi skont il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, b'fokus fuq setturi strateġiċi u ktajjen tal-valur

identifikati fil-politika industrijali tal-Unjoni u f'dik nazzjonali. Għandhom jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet u ta' ħaddiema, inkluż permezz ta' informazzjoni aħjar u aktar f'waqtha dwar il-ħiliet, anke fid-dawl tal-miri ewlenin tal-ħiliet fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali għall-2030. L-Istati Membri għandhom ukoll jimmodernizzaw u jinvestu fis-sistemi edukattivi u ta' taħriġ tagħhom, anke f'żoni rurali u remoti, u inkluża l-infrastruttura relatata, biex jipprovdu edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, aċċessibbli u inklużivi, u jstimulaw aktar titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid. Dan għandu jiżgura wkoll li l-forza tax-xogħol ikollha l-ħiliet it-tajba biex tiżviluppa u timplimenta soluzzjonijiet fid-dawl tal-iżvilupp mgħaġġel fit-teknoloġiku profonda. L-Istati Membri għandhom jaħdmu flimkien mas-sħab soċjali, il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-intrapriżi u partijiet ikkonċernati oħra biex jindirizzaw id-dgħufijiet strutturali fis-sistemi edukattivi u ta' taħriġ tagħhom.

Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi indirizzat it-tnaqqis fil-prestazzjoni edukattiva taż-żgħażaġh, speċjalment fil-ħiliet bażiċi (litteriżmu, matematika, xjenza, ħiliet diġitali u taċ-ċittadinanza), inkluż b'appoġġ immirat għal gruppi żvantaġġati. Hemm bżonn ta' azzjoni biex jiġu indirizzati l-isfidi li qed tiffaċċja l-professjoni tat-tagħlim, inkluża l-attraenza tagħha u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-indirizzar tan-nuqqas ta' għalliema, u l-investment fil-ħiliet u l-kompetenzi diġitali tal-għalliema u l-ħarrieġa. Biex jitqiegħdu l-pedamenti għall-adattabilità u r-reżiljenza matul il-ħajja, is-sistemi edukattivi u ta' taħriġ għandhom jipprovdu lill-istudenti kollha b'kompetenzi ewlenin, bħal ħiliet bażiċi u diġitali, inkluż il-litteriżmu fl-intelliġenża artifiċjali (IA), kif ukoll ħiliet trażversali, ħiliet intraprenditorjali u ħsieb kritiku fid-dawl tat-theddida tad-diżinformazzjoni.

Biex jitjiebu l-impjegabbiltà u l-ħolqien ta' impjiegi u tranżizzjonijiet ta' kwalità, l-Istati Membri għandhom jappoġġaw lill-adulti fl-età tax-xogħol fl-aċċess għat-taħriġ u jżidu l-inċentivi u l-motivazzjoni biex dawn ifittxu taħriġ, inkluż, fejn xieraq, permezz ta' kontijiet individwali tal-apprendiment, valutazzjonijiet affidabbli tal-kwalità tat-taħriġ u mikrokredenzjali. Għandhom jippermettu lil kulħadd jantiċipa u jadatta aħjar għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari permezz ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid kontinwi u l-provvista ta' gwida u konsulenza integrati dwar il-karrieri.

L-Istati Membri għandhom jipromwovu l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd billi jindirizzaw l-inugwaljanzi fl-edukazzjoni u t-taħriġ, inklużi d-disparitajiet territorjali fl-aċċess. It-tfal għandhom jingħataw aċċess għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal bi prezz affordabbli u ta' kwalità għolja, f'konformità mal-"objettivi ta' Barċellona" u l-Garanzija Ewropea għat-Tfal. L-Istati Membri għandhom jgħollu l-livelli ġenerali tal-kwalifiki, inaqqsu l-għadd tal-persuni li jtilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ, u jappoġġaw aċċess ugwali għall-edukazzjoni għal tfal minn gruppi żvantaġġati u minn żoni remoti. Għandhom iżidu wkoll l-attraenza, il-kwalità u r-rilevanza għas-suq tax-xogħol tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET), jappoġġaw l-aċċess għall-edukazzjoni terzjarja u t-tlestija tagħha, u jżidu l-għadd ta' gradwati fix-xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika (STEM) kemm fil-VET kif ukoll fl-edukazzjoni terzjarja, speċjalment nisa. Għandhom jiġu appoġġati wkoll l-aqwa prestazzjoni u l-eċċellenza fir-riżultati edukattivi, minħabba r-rwol tagħhom fil-promozzjoni tal-potenzjal ta' innovazzjoni futur tal-Unjoni u tal-kompetittività. L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw it-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għall-impjieg għaż-żgħażaġh permezz ta' traineeships u apprendistati aċċessibbli u ta' kwalità, kif ukoll servizzi ta' konsulenza, u jżidu l-parteciċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment, partikolarment fost studenti minn sfond żvantaġġat u dawk l-inqas kwalifikati. L-Istati Membri għandhom itejbu u jżidu l-provvista u l-adozzjoni ta' VET inizjali u kontinwu flessibbli, u jsaħħu t-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol fis-sistemi tal-VET. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom itejbu r-rilevanza tas-suq tax-xogħol tal-

edukazzjoni terzjarja u, fejn xieraq, ir-riċerka; itejbu l-informazzjoni dwar il-ħiliet; jagħmlu l-ħiliet u l-kwalifiki aktar viżibbli u komparabbli, inklużi dawk miksuba barra mill-pajjiż, u jiżguraw użu aktar konsistenti tal-klassifikazzjonijiet madwar l-UE (jiġifieri l-ESCO); iżidu l-opportunitajiet għall-validazzjoni u r-rikonossiment tal-ħiliet u l-kompetenzi miksuba barra l-edukazzjoni u t-taħriġ formali, u jippromwovu rikonossiment aktar mgħaġġel tal-kwalifiki għaċ-ċittadini tal-Unjoni u ta' pajjiżi terzi, filwaqt li jżommu l-istandards tal-kwalità.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-persuni qiegħda u inattivi b'assistenza effettiva, f'waqtha, ikkoordinata u mfaġġata apposta bbażata fuq assistenza għat-tiftix ta' impjieg, titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid u aċċess għal servizzi oħra ta' appoġġ, b'attenzjoni partikolari lill-gruppi vulnerabbli. Għandhom jiġu segwiti strateġiji komprensivi li jinkludu valutazzjonijiet individwali fil-fond tal-persuni qiegħda u validazzjoni tal-esperjenza ta' xogħol preċedenti mill-aktar fis possibbli, mhux aktar tard minn wara 18-il xahar ta' qgħad, bil-għan li jitnaqqas u jiġi evitat b'mod sinifikanti l-qgħad fit-tul. Il-qgħad fost iż-żgħażaġh u l-isfida taż-żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, impjieg, jew taħriġ (NEETs) għandhom ikomplu jiġu indirizzati permezz tal-prevenzjoni tat-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ u t-titjib tat-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol, flimkien mal-implimentazzjoni sħiħa tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa, notevolment billi ssir offerta fi żmien 4 xhur għaż-żgħażaġh ta' bejn il-15 u d-29 sena, biex jiġi garantit intervent bikri.

L-Istati Membri għandhom jimmiraw li jneħħu l-ostakli u d-diżinċentivi għall-parteciġazzjoni fis-suq tax-xogħol, u jipprovdu inċentivi għaliha, b'mod partikolari għall-ħaddiema b'paga baxxa, il-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul (spiss nisa), il-persuni anzjani, il-persuni b'diżabilità, u dawk l-aktar 'il bogħod mis-suq tax-xogħol, inklużi l-persuni bi sfond ta' migrazzjoni u Rom. L-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu għat-trawwim tal-provvista ta' ħaddiema u jindirizzaw in-nuqqasijiet, b'mod partikolari billi jippromwovu kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati, filwaqt li jiżguraw li t-tfassil tas-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji jinkoraġġixxi l-parteciġazzjoni fis-suq tax-xogħol, u li l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol ikunu effettivi u aċċessibbli, filwaqt li jirrispettaw ir-rwol tas-sħab soċjali. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw ukoll ambjent tax-xogħol adattat għall-persuni b'diżabilità, li joffri impjieg ta' kwalità mhux segregat u progressjoni tal-karriera, inkluż permezz ta' appoġġ finanzjarju u tekniku mmirat, informazzjoni u sensibilizzazzjoni, u servizzi li jippermettulhom jipparteciġaw fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u żieda fil-parteciġazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, inkluż fir-rigward tal-progressjoni tal-karriera, billi jindirizzaw l-istereotipi marbuta mal-ġeneri, jeliminaw l-ostakli għall-aċċess għat-tmexxija fil-livelli kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u billi jindirizzaw il-vjolenza u l-fastidju fuq il-post tax-xogħol. Għandhom jiġu żgurati pagi ugwali għal xogħol ugwali, jew xogħol ta' valur ugwali, u trasparenza fil-pagi. Ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol, il-familja u l-ħajja privata kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel għandha tiġi promossa, b'mod partikolari permezz ta' aċċess għal kura fit-tul u edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal affordabbli u ta' kwalità għolja. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ġenituri u persuni oħra b'responsabbiltajiet ta' kura jkollhom aċċess għal liv xieraq relatat mal-familja u arranġamenti ta' xogħol flessibbli biex jibbilanċjaw ix-xogħol, il-familja u l-ħajja privata, u jippromwovu użu bbilanċjat ta' dawk id-drittijiet bejn il-ġenituri.

Bħala soluzzjoni komplementari biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-forza tax-xogħol domestika tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jattiraw talent u ħiliet minn barra l-Unjoni permezz ta' mogħdijiet ta' migrazzjoni legali, filwaqt li jiggarantixxu reklutaġġ ġust u drittijiet tax-xogħol u soċjali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri biex jiġu rikonossuti l-kwalifiki

ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-kuntest ta' proċeduri ta' migrazzjoni legali jkunu sempliċi, effiċjenti u jiffaċilitaw aċċess rapidu għal professjonijiet regolati. L-Istati Membri għandhom jinvolvu ruħhom aktar fi Sħubijiet għat-Talenti biex itejbu l-mogħdijiet ta' migrazzjoni legali billi jniedu skemi ta' mobilità ġodda u jipprovdu politika ta' integrazzjoni effettiva għall-ħaddiema u l-familji tagħhom, li tinkludi l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-impjiegi, il-protezzjoni soċjali, is-saħħa u l-akkomodazzjoni.

### **Linja Gwida 7: Tisħiħ tal-funzjonament tas-swieq tax-xogħol u tal-effettività tad-djalogu soċjali**

L-Istati Membri għandhom jaħdmu flimkien mas-sħab soċjali biex jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, trasparenti u prevedibbli. Biex itejbu l-kwalità tal-impjiegi, għandhom inaqqsu u jipprevjenu s-segmentazzjoni fis-swieq tax-xogħol, jiġġieldu x-xogħol mhux iddikjarat u l-impjieg indipendenti falz, u jippromwovu t-tranżizzjoni lejn forom ta' impjieg indefiniti. Ir-regoli dwar il-protezzjoni tal-impjiegi, il-liġi tax-xogħol u l-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu kemm ambjent adattat għar-reklutaġġ kif ukoll il-flessibbiltà meħtieġa biex l-impjegaturi jadattaw malajr għall-bidliet fil-kuntest ekonomiku. Fl-istess ħin, għandhom jipproteġu d-drittijiet tal-ħaddiema u jiżguraw il-protezzjoni soċjali. Il-promozzjoni tal-użu ta' arranġamenti tax-xogħol flessibbli bħat-telexogħol tista' tikkontribwixxi għal livelli ogħla ta' impjiegi u għal swieq tax-xogħol aktar inklużivi. Għandu jiġi żgurat ambjent tax-xogħol sikur u san, u l-benesseri fil-post tax-xogħol u l-awtonomija tal-impjieg għandhom jiġu promossi bħala kontributori għall-kwalità tal-impjieg.

L-Istati Membri għandhom jappoġġaw lill-ħaddiema u lill-impjegaturi fit-trasformazzjoni diġitali, inkluż permezz tal-promozzjoni tal-użu effettiv, responsabbli, inklużiv u etiku tal-ġhodod tal-IA li jagħtu spinta lill-produttività u jikkomplementaw ix-xogħol uman. Biex jippromwovu approċċ ibbażat fuq il-fiduċja għat-teknoloġija u l-innovazzjoni fuq il-post tax-xogħol, l-Istati Membri għandhom ukoll jimmonitorjaw l-impatti fuq il-funzjonament tas-suq tax-xogħol, inklużi l-prattiki ta' reklutaġġ, u jisfruttaw ir-rwol tad-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv. Għandu jiġi żgurat li ma jkunx hemm kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, inkluż fix-xogħol fuq pjattaformi u kuntratti tax-xogħol atipiċi, billi jiġu ggarantiti l-ekwità, it-trasparenza, in-nondiskriminazzjoni u r-responsabbiltà fl-użu tal-algoritmi, u billi jiġu miġġielda l-arranġamenti kuntrattwali abbużivi. Għandu jiġi żgurat aċċess għal riżoluzzjoni effettiva u imparzjali tat-tilwim u dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat, fejn applikabbli, f'każijiet ta' tkeċċija inġusta.

L-Istati Membri għandhom jattivaw u jippermettu b'mod effettiv lil dawk li jistgħu jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol, speċjalment gruppi sottorappreżentati, bħan-nisa u ż-żgħażaġħ, kif ukoll in-nies f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, bħal dawk b'ħiliet baxxi, dawk qiegħda fit-tul, il-persuni b'diżabilità, in-nies bi sfond ta' migrazzjoni, in-nies minn komunitajiet Rom u l-ħaddiema akbar fl-età. L-Istati Membri għandhom isaħħu l-ambitu u l-effettività tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol billi jżidu d-disponibbiltà, is-sensibilizzazzjoni u l-kopertura tagħhom u billi jorbtuom aħjar mas-servizzi soċjali, it-taħriġ u l-appoġġ għad-dħul għall-persuni qiegħda. L-Istati Membri għandhom itejbu l-kapaċità tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi biex jipprovdu assistenza f'waqtha u mfassla apposta lil persuni li qed ifittxu impjieg, inkluż permezz ta' ġestjoni bbażata fuq il-prestazzjoni u kapaċità aħjar biex jintużaw id-data u t-teknoloġija diġitali, u billi jagħmlu l-aħjar użu mill-finanzjament tal-Unjoni. Anke s-servizzi privati għall-impjiegi jaqdu rwol f'dan ir-rigward.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-persuni qiegħda b'benefiċċji tal-qgħad adegwati fuq durata raġonevoli, f'konformità mal-kontribuzzjonijiet tagħhom u r-regoli ta' eliġibbiltà

nazzjonali. Il-benefiċċji tal-qgħad ma għandhomx ikunu ta' diżinċentiv għal ritorn lura ta' malajr għax-xogħol u għandhom ikunu akkumpanjati minn politiki attivi tas-suq tax-xogħol.

Il-mobilità tal-apprendiment, speċjalment fil-VET u għal apprendisti u studenti b'inqas esperjenzi ta' mobilità, u l-mobilità tal-ħaddiema għandhom jiżdienu u jiġu appoġġati b'mod adegwat, bil-għan li jittejbu l-ħiliet u l-impjegabbiltà tagħhom. Għandhom jiġu indirizzati l-ostakli għall-mobilità tal-ħaddiema intra-Unjoni, inklużi dawk relatati mal-verifika tal-awtentività u l-fehim tal-kontenut tal-kwalifiki minn Stati Membri oħra, proċeduri kumplessi u ta' piż biex jiġu rikonossuti l-kwalifiki professjonali, jew diffikultajiet fl-eżerċizzju jew l-aċċess għad-drittijiet tas-sigurtà soċjali. Għandhom jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti għal dawk kollha li jwettqu attività transfruntiera, inklużi ċittadini ta' pajjiżi terzi, billi tiġi infurzata b'mod effettiv il-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni, billi jiżdienu l-isforzi ta' infurzar u l-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali, u billi tittejjeb il-provvista ta' informazzjoni lill-ħaddiema mobbli kif ukoll lill-kumpaniji, bl-appoġġ tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol.

L-Istati Membri għandhom ukoll jistinkaw biex joħolqu l-kundizzjonijiet xierqa għal forom u metodi ġodda ta' xogħol, billi jisfruttaw il-potenzjal tagħhom għall-ħolqien ta' impjiegi filwaqt li jiżguraw li jkunu konformi mad-drittijiet soċjali u tax-xogħol. Għandhom jinfurzaw ir-regoli applikabbli fil-kuntest ta' kuntratti atipiċi u forom ġodda ta' xogħol, bħal xogħol permezz ta' pjattaformi diġitali tax-xogħol. F'dan ir-rigward, is-sħab soċjali jistgħu jkollhom rwol strumentali u l-Istati Membri għandhom jappoġġawhom biex jilhqnu u jirrappreżentaw lin-nies f'forom ta' xogħol ġodda u atipiċi. L-Istati Membri għandhom ukoll isaħħu l-infurzar permezz ta' kapaċitajiet adegwati u taħriġ dedikat għall-ispettorati tax-xogħol, dwar l-isfidi li jirriżultaw minn forom ġodda ta' xogħol, inkluż l-użu ta' teknoloġiji diġitali u l-IA, bħall-ġestjoni algoritmika, is-sorveljanza tal-ħaddiema u t-telexogħol.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw ambjent favorevoli għal dialogu soċjali bipartitiku u tripartitiku fil-livelli kollha, inkluż in-negozjar kollettiv, fis-settur pubbliku u f'dak privat, f'konformità mal-liġi u/jew il-prattika nazzjonali, wara konsultazzjoni u f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, filwaqt li jirrispettaw l-awtonomija tagħhom. L-Istati Membri għandhom jinvolvu lis-sħab soċjali b'mod sistematiku, sinifikanti u f'waqtu fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-impjiegi, soċjali u, fejn rilevanti, ekonomiċi u ta' politiki pubbliċi oħrajn inkluż fl-iffissar u l-aġġornament tal-pagi minimi statutorji. L-Istati Membri għandhom jipromwovu kopertura oġġla tan-negozjar kollettiv, inkluż billi jsaħħu l-kapaċità tas-sħab soċjali, jippermettu negozjar kollettiv effettiv fil-livelli xierqa kollha u jinkoraġġixxu l-koordinazzjoni fi ħdan dawk il-livelli u bejniethom. Is-sħab soċjali għandhom jiġu mħeġġa jinnegozjaw u jikkonkludu ftehimiet kollettivi fi kwistjonijiet rilevanti għalihom, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ l-awtonomija tagħhom u d-dritt għal azzjoni kollettiva. Fejn rilevanti, u filwaqt li jibnu fuq il-prattiki nazzjonali eżistenti, l-Istati Membri għandhom iqisu l-esperjenza rilevanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fi kwistjonijiet tal-impjiegi u dawk soċjali.

### **Linja Gwida 8: Il-promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs għal kulħadd, it-trawwim tal-inklużjoni soċjali, il-prevenzjoni tal-faqar u l-ġlieda kontrih**

L-Istati Membri għandhom jimmodernizzaw is-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom biex jipprovdu protezzjoni soċjali adegwata, effettiva, effiċjenti u sostenibbli għal kulħadd, fl-istadji kollha tal-ħajja, adattata għall-bżonnijiet ta' popolazzjoni li qed tixjieħ. Għandhom jinkoraġġixxu l-inklużjoni soċjali u l-mobilità soċjali għall-aħjar, jappoġġaw l-ekwità interġenerazzjonali u bilanċ ġust tal-appoġġ bejn il-gruppi tal-etajiet, jinċentivaw il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, jiġġieldu l-faqar u l-esklużjoni soċjali, u jindirizzaw l-

inugwaljanzi, inkluż permezz tat-tfassil tas-sistemi tat-taxxa u l-benefiċċji tagħhom, billi jivvalutaw l-impatt distributtiv tal-politiki, filwaqt li jindirizzaw id-diskriminazzjoni fil-forom kollha tagħha. L-effettività tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tista' titjeb billi l-approċċi universali jkunu kkumplimentati b'approċċi mmirati. L-Istati Membri għandhom itejbu t-trasparenza u l-adozzjoni tal-benefiċċji tal-protezzjoni soċjali, inkluż permezz tal-użu etiku u sikur ta' għodod diġitali, u billi jagħtu l-attenzjoni dovuta lid-distakk diġitali. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-familji vulnerabbli li huma l-aktar affettwati mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u minn impatti irregolari tat-tibdil fil-klima u ż-żidiet fl-għoli tal-ħajja, inklużi l-kostijiet tal-akkomodazzjoni u tal-enerġija. L-Istati Membri għandhom jieħdu passi biex jagħlqu l-lakuni fl-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u l-ħaddiema għal rashom, bħala komponent integrali biex tiġi żgurata l-kwalità tal-impjiegi.

Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, f'perspettiva taċ-ċiklu tal-ħajja mit-tfulija sax-xjuħija, f'konformità mal-miri ewlenin tal-Unjoni u dawk nazzjonali għat-tnaqqis tal-faqar għall-2030. L-Istati Membri huma mħeġġa jiżguraw oqfsa ta' politika kontra l-faqar. Bil-ħsieb li jiġu evitati u indirizzati aktar il-faqar, id-diskriminazzjoni u l-istigma, għandhom jiġu indirizzati d-diffikultajiet biex wieħed jaffordja l-bżonnijiet bażiċi, bħall-ikel, l-enerġija, dar u oġġetti bażiċi oħra, u n-nuqqas ta' aċċess għal servizzi ta' kwalità. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw u jintegraw it-tliet fergħat tal-inklużjoni attiva (appoġġ adegwat għall-introjt, swieq tax-xogħol inklużivi u aċċess għal servizzi ta' sostenn ta' kwalità) biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet individwali. Is-sistemi ta' protezzjoni u inklużjoni soċjali għandhom jiżguraw benefiċċji ta' introjt minimu adegwati għal kull min ma għandux biżżejjed riżorsi u jippromwovu l-inklużjoni soċjali billi jappoġġaw u jinkoraġġixxu lin-nies biex jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà, inkluż permezz tal-provvista mmirata ta' servizzi soċjali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kulħadd ikollu aċċess għal servizzi essenzjali ta' kwalità tajba. Id-disponibbiltà ta' servizzi affordabbli, aċċessibbli u ta' kwalità, bħall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, il-kura barra l-iskola, l-edukazzjoni, it-taħriġ, l-akkomodazzjoni, is-saħħa u l-kura fit-tul, hija kundizzjoni neċessarja biex jiġu żgurati opportunitajiet indaqs, inkluż billi jittaffa t-tiċħid tal-ikel u dak materjali. Biex jinkiser iċ-ċiklu tal-iżvantaġġ, il-faqar fost it-tfal u l-esklużjoni soċjali għandhom jiġu indirizzati b'mod speċjali permezz ta' miżuri komprensivi u integrati, inkluż permezz tal-implimentazzjoni sħiħa tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli, inkluża l-akkomodazzjoni soċjali. Il-mobilizzazzjoni tal-investimenti privati u pubbliċi għal akkomodazzjoni affordabbli u soċjali, f'kuntest fejn konġestjonijiet oħrajn fil-provvista jiġu indirizzati wkoll, se tkun essenzjali biex jinkiseb progress. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jipprovdu assistenza mmirata sew għall-akkomodazzjoni u miżuri oħra ta' appoġġ, għall-persuni fil-bżonn jew f'sitwazzjoni vulnerabbli. Il-fornituri tal-akkomodazzjoni tal-ekonomija soċjali, il-mudelli ta' finanzjament innovattivi u l-miżuri mmirati biex jimmobilizzaw id-djar vojta jistgħu jkunu l-elementi kostitwenti lejn soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni sostenibbli u inklużivi. Il-faqar tal-fjuwil u tat-trasport, kif ukoll ir-reżiljenza għar-riskji tas-saħħa u d-diżastri, inklużi dawk skattati mit-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali, għandhom jiġu indirizzati b'miżuri ta' appoġġ immirati għal unitajiet domestiċi b'introjt baxx u gruppi żvantaġġati. Fejn xieraq, l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu effettiv mill-finanzjament tal-Unjoni biex jinvestu f'akkomodazzjoni affordabbli u soċjali, akkomodazzjoni għall-istudenti, rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni u servizzi relatati. Għandhom jitqiesu l-bżonnijiet speċifiċi tal-persuni b'diżabilità, inkluża l-aċċessibbiltà. L-għajxien bla dar u l-esklużjoni mill-akkomodazzjoni għandhom jiġu indirizzati speċifikament billi tingħata spinta lill-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli u soċjali, miżuri ta'

prevenzjoni u billi jiġi promoss approċċ inklużiv, iċċentrat fuq in-nies, immexxi mill-akkomodazzjonijiet u integrat, li jiżgura li l-appoġġ jissodisfa l-bżonnijiet reali.

Fil-kuntest taż-żieda fil-lonġevità u bidliet demografiċi oħra, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-adegwatezza u s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjonijiet għall-ħaddiema u l-ħaddiema għal rashom. Is-sistemi tal-pensjonijiet għandhom jiżguraw opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel biex jiksbu drittijiet għall-pensjoni, inkluż billi jipprovdu krediti tal-pensjoni għal pawżi għall-kura u jsaħħu t-tfaddil fi skemi supplimentari wesgħin u inklużivi. Ir-riformi tal-pensjonijiet għandhom ikunu appoġġati minn politiki li għandhom l-għan li jnaqqsu d-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet u miżuri li jestendu l-ħajja tax-xogħol, bħall-iffaċilitar tat-tixjiħ attiv u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' adulti akbar fl-età biex tiżdied l-età effettiva tal-irtirar. L-Istati Membri għandhom jipromwovu t-trasparenza tad-drittijiet tal-pensjoni, inkluż permezz ta' servizzi ta' traċċar tal-pensjonijiet.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw aċċess f'waqtu għal kura tas-saħħa preventiva u kurattiva affordabbli, filwaqt li jissalvagwardjaw is-sostenibbiltà fit-tul. Fil-kuntest tad-domanda dejjem akbar għall-kura fit-tul, marbuta wkoll mat-tibdil demografiku, il-lakuni fl-adegwatezza u fid-disponibbiltà tas-servizzi, in-nuqqas ta' forza tax-xogħol u l-kundizzjonijiet ħżiena tax-xogħol għandhom jiġu indirizzati permezz ta' miżuri komprensivi u integrati. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jaħdmu biex jiġu żviluppati mudelli ta' kura li huma ċċentratu fuq il-persuna, jiżguraw tranżizzjoni bla xkiel bejn mogħdijiet ta' kura differenti (eż. mill-isptar għall-kura fid-dar u/jew residenzjali) u jindirizzaw il-ħtiġijiet tas-saħħa u tal-kura fit-tul b'mod integrat.